

# FESTI SOLENNI LI JSIRU FIL-PARROCCA TA' L-IMQABBA

F'ĠIEĦ

# SANTA MARIJA

## PATRUNA TAR-RAHAL

30 ta' LULJU sat-22 ta' AWISSU, 1972

PROGRAMM

# L-ISTATWA

L-ISTATWA li għandna tintuża fil-proċessjoni u hi esposta għall-qima tal-fidili, saret bit-tħabrik ta' **Dun TUMAS AGIUS,** Kappillan ta' l-Imqabba, illi kien xtaq jibdel dik li qabel kienet isservi għat-titular, iżda li ma tantx kienet tispira devozzjoni.

Dan ix-xogħol, verament artistiku, ġie fdat lil ċertu ALESSANDRU FARRUGIA li kien skultur ta' l-injam u joqgħod iż-Żejtun. Il-poplu ta' dak iż-żmien tant ried li ssir din l-istatwa l-ġdida, illi tista' tgħid il-flus għaliha kollha ngħataw fl-ewwel ġabra li saret. Ir-reġistri tal-knisja jgħidu li b'kollox, dak iż-żmien, kienet qamet 310 skudi. Minn dawn 250 skud marru għax-xogħol li għamel l-iskultur, filwaqt illi 50 skud intefqu biex inxtara l-injam u 10 skudi oħra għall-fjuretti li nħadmu mis-Sorijiet ta' Sta. Katerina, tal-Belt.

Meta fl-14 ta' Awissu 1836, din l-istatwa l-ġdida ġiet imdaħħla għall-ewwel darba fir-raħal, kienu saru festi kbar. Kien saħansitra mistieden il-kleru tas-Siġġiewi u stakkament ta' suldati biex jagħmel gwardja ta' unur fuq iż-zuntier u fil-knisja. Fi bnadi differenti tar-raħal, minn fejn għaddiet l-istatwa, saru arki trijonfali u dak in-nhar kien sar il-lejl sewwa meta spiċċaw il-festi ta' ġol-knisja. Fl-aħħar, il-ferħ ta' l-Imqabbin għalaq bil-ħruq tan-nar ta' l-art li dak in-nhar xegħlu l-Kappillan stess.

Matul iż-żmien din l-istatwa kompliet issebbħet billi minn ġbir il-poplu sarilha pedistall tal-fidda, forma ta' qabar minflok dak ta' l-injam li kellha qabel. Dan ix-xogħol sar l-Italja u tlesta fl-1928. Ftit wara, benefattur ieħor mill-Imqabba, ħa ħsieb biex bi spejjeż tiegħu għamel il-bradella u l-bankun ta' taħt l-istatwa. Dan ix-xogħol hu magħmul Malta f'injam tal-ġewż u, minbarra x-xogħol sabiħ ta' l-iskultura, fihom xogħol ieħor wisq fin ta' intarsjar. Kemm il-qabar kif ukoll il-bradella u l-bankun saru fuq disinji tas-surmast Abram Gatt. Wara l-gwerra benefattur ieħor ta l-flus biex saru erba' gastri tal-fidda għal fuq il-bradella, li nħadmu Malta fuq disinn ta' l-istess surmast.

Dan l-aħħar fl-1967, l-istatwa bil-bradella u l-bankun sarulhom xogħol ta' restawr mis-surmast Samuel Bugeja li ġabhom fis-sbuħija oriġinali tagħhom. Filwaqt li l-ispejjeż ħarġuhom xi benefatturi flimkien, benefattur ieħor kien tant ġeneruż li ħareġ l-ispejjeż biex saru erba' fjuretti ġodda għall-gastri li hemm fuq il-bradella.

*Taghrif Storiku*

# KNISJA U PARROCCA

L-IMQABBA saret parroċċa għaliha billi nqatgħet minn dik ta' BIR MIFTUĦ, b'digriet ta' **Mons. Fra Tommaso Gargallo,** f'Novembru 1598. Dan għamlu biex jaqta' x-xewqa ta' talba li saritlu min-nies ta' hawn fis-16 ta' Settembru 1598. Ir-raġunijiet li ssemmew, fost l-oħrajn, huma dawk tal-bogħod u li r-raħal kellu nies biżżejjed biex isir parroċċa.

Dan l-Isqof waqqaf din il-parroċċa l-ġdida taħt il-ħarsien ta' l-ASSUNZJONI TA' MARIJA VERĠNI li tagħha kien hemm kappella li ġa ġġib dan l-isem. Imma, billi din kienet żgħira, għall-ewwel bdiet isservi ta' parroċċa l-kappella l-oħra ta' SAN BAŻILJU, li kienet akbar. Xi żmien wara, fuq l-istess post tal-Kappella oriġinali ta' l-Assunzjoni, ingħata bidu għall-Knisja Parrokkjali li għandna issa, li tlestiet fis-sena 1689. Malli tlestiet din, il-kappella l-oħra żgħira li kienet ġo fiha, ġiet imwaqqa'.

Il-Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali saret minn **Mons. Fra Giovanni Pellerano** fl-20 ta' Mejju 1774.

Fl-aħħar gwerra l-knisja sofriet ħsara kbira, meta f'attakk mill-ajru nhar id-9 ta' April 1942, il-koppla, kappellun, il-kor u s-sagristija, bis-sala ta 'fuqha, sfaw milquta mill-bombi u mġarrfa. Wara l-gwerra, minnufih beda x-xogħol fuq il-partijiet imġarrfa li fi żmien qasir intemm. Kien l-Isqof **Mons. Em. Galea,** Vigarju Ġenerali, illi fit-8 ta' Awissu 1966, ikkonsagra ħames altari, fosthom l-altar maġġur, li kienu tkissru u saru ġodda.

F'din il-parroċċa nsibu mwaqqfa erba' KONFRATERNITAJIET. L-ewwel ma ġiet imwaqqfa kienet dik tas-**SSmu Sagrament** fl-1600. Warajha twaqqfet dik tas-**SSmu Rużarju** li ġiet mgħaqqda ma' dik ta' S. Maria sopra Minerva, ta' Ruma, fl-1634. Fl-aħħar twaqqfet dik ta' l-**Immakulata Kunċizzjoni** li kienet mgħaqqda ma' dik ta' S. Lorenzo in Damaso fl-1775.

# FESTI TA' BARRA

**30 ta' Lulju** — Wara l-funzjoni tal-Knisja, issir il-mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u tal-King George V Band Club.

**6 ta' Awissu** — Fis-6.00 p.m. Ħruġ ta' l-istatwa ta' Santa Marija fil-Knisja. Il-Banda "King George V" tagħmel marċijiet mat-toroq prinċipali ta l-Imqabba, u wara tesegwixxi programm fil-Pjazza tal-Knisja, taħt it-tmexxija tas-Surmast George Martin, A.Mus., L.C.M.

Mixgħela tal-Knisja, Pjazza u tal-Każin King George V.

**13 ta' Awissu** — Wara l-funzjoni tal-Knisja, il-Banda "King George V" tagħmel marċijiet u ddoqq programm fil-Pjazza tal-Knisja. Mixgħela ġenerali.

**14 ta' Awissu** — **LEJLET IL-FESTA.**

Fit-8.00 p.m. — Mixgħela ġenerali tar-raħal. Il-Baned "Queen Victoria" taż-Żurrieq, u "San Nikola" tas-Siġġiewi, wara li jferrħu t-toroq ta l-Imqabba bil-marċijiet jagħmlu programm fil-Pjazza tal-Knisja.

Fil-11.00 p.m. — Ħruq ta logħob tan-nar.

**15 ta' Awissu** — **JUM IL-FESTA .**

Fl-4.00 p.m. — Mixgħela ġenerali.

Fil-5.30 p.m. — Il-Baned "Queen Victoria" taż-Żurrieq, u "San Nikola" tas-Siġġiewi, jagħmlu marċijiet u jdoqqu programm fil-Pjazza tal-Knisja.

Fis-6.30 p.m. waqt il-ħruġ tal-proċessjoni jindaqq INNU LIL SANTA MARIJA ASSUNTA bil-kant tal-Kor "Cantate Domino" taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija tar-Rev. Fr. Michael D'Amato, A.L.C.M., L.R.S.M. Meta l-proċessjoni tasal ħdejn il-Każin King George V, il-Banda "Queen Victoria" iddoqq Innu lil Santa Marija Assunta, miktub mir-Rev. Patri G.M. Ghigo, S.J., u mużikat mis-Surmast G. Martin, A.Mus., L.C.M. Ikantaw fih it-Tenur Andrew Sapiano u l-Baritonu Joe Fenech flimkien mal-Kor "Cantate Domino".

Il-logħob tan-nar huwa xogħol tad-dilettanti tas-Soċjetà Santa Marija.

# FESTI TA' GEWWA L-KNISJA

**30 ta' Lulju — FTUĦ TAL-KWINDIĊINA.**

Fis-6.15 p.m. — Għasar solenni, ċelebrazzjoni Biblika fuq Santa Marija, Antifona u ċelebrazzjoni Ewkaristika li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.
Fis-7.30 p.m. — Quddiesa ta' filgħaxija.

**6 ta' Awissu — ĦRUĠ TA' L-ISTATWA.**

Fil-5.15 p.m. — Għasar solenni, prietka, ċelebrazzjoni Biblika fuq Santa Marija, Antifona u ċelebrazzjoni Ewkaristika li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.

Wara jsir il-**ħruġ ta' l-istatwa ta' Santa Marija** minniċċa tagħha. Kant ta' l-**Ave Maris Stella** u Antifona.
Fis-7.30 p.m. — Quddiesa ta' filgħaxija.

**11 ta' Awissu — L-EWWEL JUM TAT-TRIDU.**

Fis-7.00 p.m. — Quddiesa Kantata bil-prietka ċelebrata mill-**W. R. Dun Pawl Caruana, B.A., Lic.D.,** Kappillan ta' Ħad-Dingli.

Ċelebrazzjoni Biblika fuq Santa Marija, Innu, Antifona u ċelebrazzjoni Ewkaristika li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.

**12 ta' Awissu — IT-TIENI JUM TAT-TRIDU.**

Fis-7.00 a.m. — Quddiesa Kantata solenni.
Fis-7.00 p.m. — Tibda l-funzjoni ta' filgħaxija b'Quddiesa Kantata bil-prietka ċelebrata mill-**W. R. Kan. Dun Anton Galea, B.A., Lic.D.,** Arċipriet tal-Bel t.

Għall-bqija kollox bħal ma hemm fil-jum ta' qabel.

**13 ta' Awissu — IT-TIELET JUM TAT-TRIDU.**

Funzjonijiet u ħinijiet kollox bħal ma hemm fil-jum ta' l-ewwel Tridu. Iqaddes u jipprietka l-**W. R. Kan. Dun Karm Sciberras,** Kappillan ta' Ħal Balzan.

**14 ta' Awissu — LEJLET IL-FESTA.**

Fit-7.45 a.m. — Quddiesa Kantata solenni mill-Kappillan tal-Parroċċa, il-**W. R. Dun Karm Bianco, S.Th.D., Ph.L., Dip. Lat. (Greg.)**, kant tat-'Te Deum' b'ringrazzjament u għeluq tat-Tridu, Innu u Antifona.

Fis-6.30 p.m. — Traslazzjoni solenni tar-Relikwja u Quddiesa solenni bl-orkestra. Jiffunzjona fihom l-**Ill.mu u Rev.mu Mons. Dun Karm Farrugia, D.D., Bl.Can.**, Kompieta u ċelebrazzjoni Ewkaristika li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.

**15 ta' Awissu — JUM IL-FESTA.**

Fil-5.00 a.m. — Quddiesa Parrokkjali mill-Kappillan.

Fis-6.00 a.m. — Quddiesa letta bit-Tqarbina Ġenerali għall-kbar.

Fis-7.00 a.m. — Quddiesa letta bit-Tqarbina Ġenerali għat-tfal.

Fit-8.00 a.m. — kant tal-Lawdi.

Fid-8.45 a.m. — Kant ta' Terza.

Fid9.00 a.m. — Quddiesa Kantata solenni u Pontifikali mill-**Eċċ.za Tiegħu Rev.ma Mons. Em. Galea, B.Litt., D.D., J.C.D. (Greg.)**, li waqt il-Quddiesa jinseġ paniġirku ta' tifħir lil Santa Marija Assunta.

Fl-10.30 a.m. — Quddiesa letta.

Fil-11.30 a.m. — Toħroġ l-aħħar Quddiesa letta.

Fil-5.00 p.m. — Sekondi Vespri Pontifikali mill-**Ill.mu u Rev.ma Mons. Dun Karm Farrugia, D.D., Bl.Can.**, proċessjoni bl-istatwa artistika ta' Santa Marija Assunta, immexxija mill-istess Monsinjur.

Malli tidħol il-proċessjoni fil-Knisja jkun hemm ċelebrazzjoni Ewkaristika li tagħlaq bil-Barka Sagramentali. Wara jkun hemm il-bews tar-Relikwja.

**Lejlet il-festa jkun hawn żewġ konfessuri barranin għall-qrar.**

Il-mużika tat-Tridu, lejlet u nhar il-festa tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast il-W.R. Patri Edgar Gatt, O.P., Mus. S. Lic. (Vat.).

**22 ta' Awissu — L-OTTAVA TAL-FESTA.**

Fis-6.00 p.m — Għasar solenni, Repożizzjoni tar-Relikwja, 'Te Deum' u ċelebrazzjoni Ewkaristika li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.

# IL-KAZIN TAL-BANDA RE GORG V

Mill-ftit dokumenti li hemm jiġru l'hawn u l'hinn wieħed malajr jinduna li l-Imqabbin għalkemm joqgħodu f'raħal żgħir kellhom il-kburija tagħhom u l-imħabba għall-kultura.

Għall-ħabta ta' l-1887 twaqqfet l-ewwel banda fl-Imqabba b'surmast direttur Edoardo Farina. Iżda minkejja l-isforzi tas-sur Mikiel Zammit biex il-banda ma tisfrattax, din mietet ħesrem.

Fl-1905 twaqqaf il-*Każin Soċjali Santa Marija bi* president is-Sur Pawl Caruana. Fl-1910, b'tifkira ta' l-inkoronazzjoni tar-Re Gorg V, fl-laqgħa ġenerali tas-Soċjeta' nqata li jinbidel l-isem tas-Soċjeta' "Santa Marija" f'dak ta' "King George the Fifth."

Fis-16 ta' Ottubru, 1936, l-E.T. il-Gvernatur Sir Charles Bonham Charter għamel żjara uffiċjali lil dan il-"Club". Matul il-Gwerra 1939-1945 il-"Club' 'serva ta' Uffiċju tal-Gvern. Fl-1944, il-Gwerra naqqset mill-qilla tagħha, twaqqfet daqsxejn ta' Orkestra mis-surmastrijiet Charles Schembri L.R.C.M., Antonio Mamo L.R.C.M., Espedito Deguara A.L.C.M. u l-Professur Pawlu Carabott. L-ewwel programm dirett minn Mro. Deguara twettaq fir-raħal fit-12 ta' Awissu, 1945. Din l-orkestra ġiet mibdula f' banda formali fl-1947 minn Mro. Giuseppe M. Barbara A.L.C.M. u l-ewwel programm mużikali taħt id-direzjoni ta' Mro. Barbara twettaq fid-29 ta' Marzu, 1947.

Fis-6 ta' Ġunju, 1948 Monsinjur Arċisqof Mikele Gon[illegible] għoġbu jagħmel żjara lil dan il-Każin tal-Banda.

Fl-14 ta' Novembru, 1948, f'laqgħa ġenerali tas-Soċjetà, ittieħdet deċiżjoni li l-Każin jitkabbar u jissebbaħ skond il-pjanta tas-Sur Ġużè D'Amato ta' Raħal Ġdid, arkitett li għamel il-pjanta tal-knisja kolossali tal-istess post fejn kien qed joqgħod. Ix-xogħol inbeda fit-12 ta' April, 1949, u bis-sagrifiċċji, li llum ma jitwemmnux, u minkejja li t-tfixkil ma naqasx is-suċċess inkiseb sentejn wara fit-13 ta' Mejju, 1951.

Is-sena 1950, sena mqaddsa bid-Domma tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju XII tat-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna bir-ruħ u l-ġisem, il-festa ta' Santa Marija, patruna tal-Imqabbin għal iżjed minn tliet sekli, ġiet imfakkra b'festi speċjali. Għal din l-okkażjoni ġew mistiedna Monsinjur Arċisqof Gonzi, il-Prim Ministru ta' dak iż-żmien Dr. George Borg Olivier LL.D., il-Ministru tal-Ġustizja Dr. J. Cassar u l-Ministru tal-Kummerċ Dr. C. Caruana.

Fit-23 ta' Novembru, 1951, l-Eċċellenza Tiegħu Sir Gerald Creasy, Gvernatur ta' Malta u s-sinjura tiegħu għamlu żjara uffiċjali lir-raħal fejn ġew milqugħa b'merħba xierqa fil-Każin tal-Banda Re Ġorġ V. Il-Gvernatur spiċċa d-diskors tiegħu b'dawn il-kliem: "L-ikbar soddisfazzjon tiegħi meta niltaqa' ma' soċjetà żgħira fil-għadd u kbira fl-Ispirtu bħalma hija din l-għaqda."

F'Settembru tal-1960, għeluq il-ħamsin sena tas-Soċjeta' Mużikali Re Gorg V, saru festi speċjali biex jiġi mfakkar dan il-jum.

Surmastrijiet Diretturi: Edoardo Farina,
Espedito Deguara A.L.C.M.

Surmastrijiet Diretturi: Edoardo Farina,
Espedito Deguara A.L.CM.
Giuseppe Barbara A.L.C.M.
Leonardo Spiteri A.L.C.M.
George Martin A.Mus.L.C.M.

# IL-KONCILJU VATIKAN II U L-ASSUNZJONI

**FATT TA' L-ASSUNZJONI**

"Billi Alla ried li ma jurix b'mod solenni l-misteru tas-salvazzjoni tal-bniedem sakemm ikun bagħat l-Ispirtu mwiegħed minn Kristu, naraw l-Appostli qabel Jum Għid il-Ħamsin: 'magħquda fi ħsieb wieħed flimkien ma' xi nisa u ma' Marija, Omm Ġesù, u flimkien ma' ħutu l-oħra' (Atti 1, 14). Naraw lil Marija bil-qalb titlob id-don ta' l-Ispirtu li kien ġa għattiha biddell tiegħu fl-Annunzjazzjoni.

Fl-aħħar, imħarsa minn kull ħtija tad-dnub tan-nisel, ix-Xebba bla Tebgħa ġiet imtella' għall-glorja tas-sema bir-ruħ u bil-ġisem wara li temmet il-mawra tagħha fid-dinja. Ġiet merfugħa mill-Mulej bħala Sultana ta' kulħadd, sabiex tkun tista' ssir aktar tixbah lil Binha, Sultan tas-Slaten (Apok. 19, 16) u r-rebbieħ fuq id-dnub u l-mewt".

(Lumen Gentium, par. 59).

**MARIJA U N-NISRANI**

"Bil-glorja tar-ruħ u l-ġisem li qed tgawdi fis-sema, Omm Gesù tibqa' għalina f'din id-dinja bħala xbieha u l-bidu tat-tkattir tal-Knisja, billi din trid tilħaq il-perfezzjoni tagħha fid-dinja l-oħra li għad trid tiġi. Bl-istess mod, Marija tiddi fid-dinja sal-jum li fih jerġa' jiġi l-Mulej (2 Piet. 3, 10) bħala sinjal ta' tama ċerta u bħala konsolazzjoni għall-poplu t'Alla li jinsab f'pellegrinaġġ."

(Lumen Gentium, par. 68).

**DEVOZZJONI VERA LEJN L-ASSUNZJONI**

"Billi din il-qima minn dejjem kienet fil-Knisja, għalhekk hi speċjali. Iżda, din hi għal kollox differenti mill-qima ta' adorazzjoni li nagħtu lill-Kelma magħmula Bniedem . . . Fl-istess ħin dan il-Konċilju jwissi lill-ulied kollha tal-Knisja illi l-qima — speċjalment liturġika — tal-Verġni Mbierka għandha tkun imxerrda."

(Lumen Gentium, parr. 66, 67).

**XEWQA U TALBA TAL-KONĊILJU**

"Jalla l-għaqda kollha tal-fidili jippersevaraw fit-talb tagħhom lil Omm Alla u Omm il-bnedmin. Ħalli jitolbuha biex bħalma hi għenet il-bidu tal-Knisja bit-talb tagħha issa, imtella' kif inhi fis-sema fuq il-qaddisin u l-anġli, tindaħal għalina ma' Binha fl-għaqda tal-qaddisin."

(Lumen Gentium, par. 69).

# INNU ANTIK LLIL-ASSUNZJONI

# TA' MARIJA VERGNI

*Miktub minn CARMELO M. CAMILLERI.*

Sliem għalik O Verġni safja,
Li minn Alla ġejt maħtura,
Sabiex tkun Omm l Iben tiegħu,
U għarusa l-aktar pura.

Iv' għarusa l-aktar pura!
Ta' l-Ispirtu Mqaddes tiegħu,
Għaliex Lilek ried Reġina,
Fil-kbir renju tgħammar miegħu.

Qalb il-kotra minn ta' l-anġli,
Fuq kemm huma l-qaddisin;
Lilek ried bħal avukata
Ta' l-imsejkna midinbin.

Lilek għażel bħala Torri
O kbira Verġni Marija!
Sabiex tirbaħ lil għedewwa
Minn tal-Fidi nisranija.

Lilek ħatar fost tant ħlejjaq
Sabiex taqsam id-duluri
Ma' Ġesù fuq il-Kalvarju,
Sabiex kobor Alla turi.

Ried biss bik jagħti eżempju
F'din id-dinja lill-bnedmin,
Kif għandhom isofru d-dwejjaq
Biex isiru qaddisin.

Mel'O Kbira Protettriċi
Tal-Imqabba, art qaddisa
Li għażilt għal tlett mitt sena
Bħala bintek il-għażiża.

Sabiex tgħożżok ġewwa darha
Bħal Bint maħbuba tiegħek.
Biex tħarisha mid-disgrazzji
U tħaddanha dejjem miegħek.

Mel'O Kbira Verġni Mqaddsa
Fuqha xerred id-dawl tiegħek
Biex ma' wliedha żgur tkun lesta
Lil Kbir Alla tfaħħar miegħek.

Ta' dat-talb fis agħti widen
Tħalliniex hekk imbikkijja,
Ħarsa ħelwa dawwar fuqna,
Sabiex ruħna tkun mhennijja.

Ftakar biss li tama kbira
Għandna fik, Verġni Marija.
Li bit-talb imqaddes tiegħek
Niġu mnaddfa minn kull ħtija.

U bla biża' nikkumbattu
Kontra l-għadu tar-ruħ tagħna,
U noħorġu żgur rebbieħa
Għaliex Int tkun qegħda magħna.

Mela fis O Verġni Mqaddsa,
Lilna għatti bil-mant tiegħek
Sabiex wara din il-ħajja,
Ilkoll niġu ngawdu miegħek.

Dak il-premju mwiegħed
mn'Alla
Lil bnedmin ta' qalb ħanina,
Li teħlishom skond il-qalb tiegħek,
U inħobbu Lilek Reġina.

Nihil Obstat
Die 7 Julii 1898
Aloysius Can. Farrugia
Cens. Theol.